# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2024.**

**Numru 6**

**Rikors numru 787/2020/1 GM**

**Western Co. Limited**

**v.**

**Joseph Buhagiar;**

**u b'digriet tat-22 ta' April, 2021, Lucia Vella, bħala kuratriċi tal-interdett Joseph Buhagiar, ġiet awtorizzata tintervjeni *in statu et terminis*;**

**u b'digriet tat-2 ta' Settembru, 2022, l-atti ġew trasfużi f'isem Lucia Vella, kemm f'isimha personali u kif ukoll bħala mandatarja tal-assenti Karen Gray u Joseph Paul Buhagiar, u f'isem Helen Grech Cumbo Pillow, Mary Rose Pisani u Carmen Gatt, u dan wara l-mewt ta' Joseph Buhagiar**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi

Western Co. Limited kontra sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-11 ta' Mejju, 2023, fejn din laqgħet l-ewwel u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut billi: (i) iddikjarat lill-konvenut bħala mhux mentalment kapaċi li joqgħod f'ġudizzju; (ii) iddikjarat kemm ir-rikors maħluf u kif ukoll in-notifika tiegħu bħala irriti u nulli u b'hekk ħelset lill-konvenut mill-ħarsien tal-ġudizzju; u (iii) ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-kumpanija attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fit-2 ta' Settembru, 2020, il-kumpanija attriċi fissret li hija biegħet u kkonsenjat numru ta' vetturi lill-konvenut Joseph Buhagiar (illum mejjet) u għalhekk illum hija kreditriċi tiegħu f'somma flus li jeħtiġilha tiġi likwidata mill-Qorti. Tenniet li hija sejħet lill-konvenut biex iħallasha l-bilanċ dovut iżda baqgħet b'xejn. Għalhekk, hija fetħet din il-kawża u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri* [sic!] *tas-soċjetà attriċi f'ammont li għad irid jiġi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti rappreżentanti prezz ta' diversi vetturi.*
>
> *2. Tillikwida dak dovut mill-konvenut lis-soċjetà attriċi.*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma hekk likwidata.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1016/20 u l-ittra uffiċjali numru 1955/20 u l-imgħax u l-konvenuti inġunti in subizzjoni* [sic!].*»*

3. Il-konvenut Joseph Buhagiar wieġeb għar-rikors tal-atturi fl-14 ta' Ottubru, 2020, u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament, in-notifika hija waħda skorretta, nulla u bla effett stante illi kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ, l-intimat huwa persuna li tbati minn kundizzjoni mentali li tirrendih inkapaċi.*

*2. It-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont ma hu dovut kif reklamat stante illi l-esponenti huwa bniedem li jbati minn kundizzjoni mentali li tirrendih inkapaċi jifhem u jagħti l-kunsens tiegħu b'mod ħieles, volontarju u li jekk jkun qed jifhem, ir-reazzjoni tiegħu għal istess tkun waħda rallentata u ma tikkorrespondix ma' dak li jkun qed jiġri madwaru u dan kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-każ u għal liema raġuni, kull skrittura ffirmata tul dawn l-aħħar circa ħmistax (15)-il sena hija nulla u bla effett ai termini tal-artikolu 968 tal-Kodiċi Ċivili.*

*3. Stante li jidher li l-pretensjoni attriċi tikkonċerna bejgħ u konsenja ta' vetturi lill-esponenti, kellha qabel xejn tiġi esibita kull skrittura rigwardanti kull vettura li qed jiġi allegat il-bejgħ tagħha li seta' seħħ qabel l-ewwel (1) ta' Jannar 2002, għal liema raġuni, fin-nuqqas ta' tali skrittura qed jiġi eċċepit in-nullità tat-trasferiment u konsenja stante li ma sarx skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 38 tal-Att XVII tal-1993.*

*4. Ukoll il-preskrizzjoni ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili.*

*5. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma hux persuna mentalment luċida u ilu hekk għal diversi snin u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża għal liema raġuni qed jiġu intavolati proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja sabiex l-esponenti jiġi interdett.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.»*

4. B'digriet tat-22 ta' April, 2021, Lucia Vella tħalliet tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis* fil-kappell tagħha ta' kuratriċi tal-konvenut Joseph Buhagiar, li kien ġie interdett b'digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) tal-5 ta' Frar, 2021. Imbagħad, b'digriet ieħor tas-7 ta' Ottubru, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talba ta' Lucia Vella biex tressaq żewġ eċċezzjonijiet ulterjuri, li jaqraw hekk:

*«1. Il-ftehim tal-14 ta' Jannar 2008 u d-dikjarazzjonijiet tad-19 ta' Jannar 2008 u tas-16 ta' April 2019 li allegatament ġew iffirmati minn Joseph Buhagiar huma nulli u bla effett fil-liġi stante illi minbarra li ma kienx hemm il-kunsens volontarju ta' Joseph Buhagiar minħabba l-istat mentali tiegħu, il-kunsens tal-istess Joseph Buhagiar ittieħed ukoll bi vjolenza, aġir u għemil doluż da parti tas-soċjetà rikorrenti.*

*2. Sussegwentement il-ftehim u d-dikjarazzjonijiet kollha fuq ċitati huma għalkollox iffalsifikati u foloz u għalhekk m'għandhom ebda effett kwalunkwe fil-liġi.»*

5. Il-konvenut Joseph Buhagiar miet fl-1 ta' Ġunju, 2022 u b'digriet tat-2 ta' Settembru, 2022 l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem ħutu Lucia Vella, Karen Gray, Joseph Paul Buhagiar, Helen Grech Cumbo Pillow, Mary Rose Pisani u Carmen Gatt.

6. Aktar tard, b'sentenza tal-11 ta' Mejju, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

*«(1) tilqa' l-ewwel u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiddikjarah mhux mentalment kapaċi li joqgħod f'ġudizzju.*

*(2) għalhekk tiddikjara n-notifika tar-rikors maħluf kif ukoll ir-rikors maħluf innifsu irriti u nulli u tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Spejjeż a karigu tas-soċjetà attriċi.»*

7. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«Permezz tar-rikors maħluf tagħha, l-attriċi qiegħda titlob il-likwidazzjoni u ħlas ta' prezz ta' vetturi allegatament mibjugħa lill- konvenut.*

*Id-difiża tal-konvenut hija: (i) li hu mentalment inkapaċi (eċċezzjonijiet numru 1, 2, u 5; (ii) il-preskrizzjoni a tenur tal-Art. 2156 tal-Kodiċi Ċivili (eċċezzjoni numru 4) u (iii) in-nullità ta' kull trasferiment li seta' sar bi ksur tal-Art. 38 tal-Att XVII.1993 (eċċezzjoni numru 3).*
*Il-konvenut għamel din id-difiża huwa stess permezz ta' risposta maħlufa.*

*Ħalef li hu mhux kapaċi joqgħod f'kawża għaliex ma kellux il-kapaċità mentali; u li lanqas kien kapaċi jagħti l-kunsens tiegħu għall- iskritturi msemmija. Fl-istess nifs jgħid li qarrqu bih.*

*Fil-5 ta' Frar 2021, jiġifieri fil-mori tal-kawża, il-konvenut ġie interdett.*

*Il-psikjatra Dr Mark Xuereb ħareġ ċertifikat preliminari fit-13 ta' Ottubru 2020 - lejliet li l-konvenut ippreżenta r-risposta maħlufa - li l-konvenut kien isofri mid-demenzja għall-inqas għal madwar 12-il xahar qabel; li ma kienx mentalment kapaċi li jiffirma dokumenti legali jew jidħol f'xi ftehim ("transaction"). Fiċ-ċertifikat jgħid li kien sejjer jagħmel testijiet oħrajn dwar il-pazjent. Barra minn hekk, il-Qorti kellha l-okkażjoni li tisma' viva-voce lill-istess psikjatra li xehed kemm in eżami kif ukoll in kontroeżami. Stqarr li, għalkemm ma kienx eżaminah qabel id-data taċ-ċertifikat, kien professjonalment konvint li l-konvenut kien ilu mentalment inkapaċitat sa mis-sena 1991 meta, skont ir-rekords tal-isptar, sofra minn "fronto temporo parietal damage". Kundizzjoni li ma tħallix lill-pazjent jifhem l-implikazzjonijiet ta' ċertu affarijiet li jiġru madwaru; b'mod partikolari timpedih milli jifhem it-tifsira u l-konsegwenzi ta' atti legali. Il-Qorti semgħet ukoll liż-żewġ aħwa tal-konvenut: il-kuratriċi u oħtha – li spjegaw kif, tenut kont tal-infermità mentali tiegħu, kienu jieħdu ħsieb kontinwu ta' ħuhom, jgħassu fuq il-movimenti tiegħu, u jeħdulu ħsieb ħwejjeġ mill-iktar bażiċi bħat-tisrif taċ-ċekkijiet tal-pensjoni. Jagħrfu wkoll li kien faċilment jiġi mmanipulat min-nies bla skrupli. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jikkonferma l-opinjoni tal-psikjatra. Hemm ukoll korroborazzjoni minn indizju oġġettiv li jikkonsisti fil-fatt li l-konvenut ħalla lil frodista notorju jinqeda bih biex jixtri l-vetturi fuq ismu u jdaħħlu f'dejn mas-soċjetà attriċi.*

*Dawn il-provi, flimkien mal-interdizzjoni tal-konvenut, ma jħallu l-ebda dubju li meta ġie notifikat bil-kawża fl-1 ta' Ottubru 2020 (ġie notifikat personalment) ma kienx kapaċi mentalment li jirċeviha.*

*Hekk kif min ikollu dritt jista' ma jkollux il-kapaċità li jeżerċita dak id-dritt, jew li jeżerċitah b'mod limitat, hekk ukoll wieħed jista' jkollu l-kapaċità li jkun parti f'ġudizzju iżda ma jkunx jista' jeżerċita d-drittijiet proċesswali. Għalhekk il-liġi proċesswali tipprovdi li dawk li huma totalment inkapaċi (bħall-konvenut Joseph Buhagiar) jidhru fil-proċess fil-persuna tar-rappreżentanti legali tagħhom (bħal kuratur); dawk relattivament inkapaċi (bħal tfal minorenni) jkunu awtorizzati jew assistiti mill-persuni li jassistuhom f'rapporti ġuridiċi oħrajn (bħall-ġenituri).*

*Skont Art. 781, persuni b'diżordni mentali li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom, u kull persuna oħra li ma jkollhiex l-eżerċizzju jew l-amministrazzjoni libera tal-jeddijiet li fuqhom tkun il-kawża, mhumiex kapaċi biex joqogħdu f'kawża bħala atturi jew konvenuti, ħlief fil-persuna ta' dak li skont il-liġi jkollu f'idejh dik l-amministrazzjoni, jew ta' kuratur ad litem. Il-liġi tiddikjara espressament li fin-nuqqas, kull att ġudizzjarju bħal dan huwa null. Il-liġi tagħmel dikjarazzjoni espressa ta' nullità f'każijiet rari, u din hija waħda minnhom. Nullità din li tista' titqanqal ukoll mill-Qorti ex officio.*

*Min-naħa l-oħra, il-liġi tkompli tgħid li d-difett tan-nullità jiġi rimedjat jekk il-kuratur japprova l-atti.*

*Il-kuratriċi interveniet fil-kawża in statu et terminis wara rikors li ppreżentat fis-26 ta' Marzu 2021 skont Art. 1226 tal-Kodiċi Ċivili (dan jolqot il-mertu) u Art. 728(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura, u milqugħ fit-22 ta' April 2021. Fl-20 ta' Lulju 2021 talbet li tippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dawl ta' xi provi li sadanittant kienu tressqu mill-attur. Il-Qorti laqgħet it-talba u fil-15 ta' Ottubru 2021 il-kuratriċi ppreżentat nota bl-"eċċezzjonijiet ulterjuri" fuq indikati.*

*Skont l-Art. 728, bħala regola, l-eċċezzjonijiet kollha għandhom jingħataw fir-risposta maħlufa. Ebda "eċċezzjoni oħra" ma titħalla ssir f'xi waqt ieħor tal-kawża għajr bil-permess tal-Qorti wara li din tkun sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi l-għaliex ma sarux fir-risposta maħlufa. M'hemmx dubju li l-eċċezzjonijiet mill-kuratriċi saru b'żieda ma' dawk li ppreżenta l-konvenut fir-risposta maħlufa. Li jfisser li l-kuratriċi rratifikat l-eċċezzjonijiet oriġinali li kien għamel il-konvenut personalment. Dan jidher ċar ukoll min-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tal-kuratriċi li fiha għamlet riferenza għall-istess risposta maħlufa. Għalhekk l-eċċezzjoni tan-nullità tan-notifika, u n-nullità tar-rikors maħluf, saru validi, għalkemm għall-bidu ma kinux minħabba l-inkapaċità proċesswali tal-konvenut.*

*Min-naħa l-oħra, ma jirriżultax li l-kuratriċi rratifikat ukoll ir-rikors ġuramentat; anzi kkonfermat ir-riġett tiegħu billi ssanat it-tweġiba maħlufa ta' Joseph Buhagiar.*

*In vista tas-suespost, il-Qorti sejra tieqaf hawn.»*

8. B'rikors tal-appell imressaq fit-12 ta' Ġunju, 2023, il-kumpanija attriċi talbet it-tħassir ta' din is-sentenza, bl-aggravji tagħha jkunu: (i) li l-Ewwel Qorti kienet proċeduralment żbaljata meta ddikjarat ir-rikors maħluf tagħha u n-notifika tiegħu lill-konvenut bħala nulli; u (ii) li l-Ewwel Qorti ma messhiex ikkonkludiet li l-konvenut ma kienx f'qagħda mentali tajba, ladarba hija ma stħarrġitx il-mertu tal-kawża.

9. Lucia Vella wieġbet għall-appell tal-atturi fil-31 ta' Jannar, 2024 u hemm tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn temmen li l-appell tal-kumpanija

attriċi għandu jiġi miċħud. Minbarra dan, hija saħqet li l-appell imressaq mill-kumpanija attriċi huwa null għaliex dan ma ġiex notifikat lill-werrieta kollha tal-mejjet Joseph Buhagiar. Aktar tard, b'nota tat-23 ta' Settembru, 2024, il-konvenuti l-oħra kollha, jiġifieri Lucia Vella bħala mandatarja tal-assenti Karen Gray u Joseph Paul Buhagiar, Helen Grech Cumbo Pillow, Mary Rose Pisani u Carmen Gatt, issieħbu ma' Lucia Vella fit-tweġiba tal-appell tagħha u għamluha tagħhom.

10. Il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għad-deċiżjoni tagħha b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Din il-Qorti titlaq billi tagħraf li għalkemm għall-bidu il-kumpanija attriċi ma kinitx innotifikat lill-werrieta kollha ta' Joseph Buhagiar bir-rikors tal-appell tagħha, wara d-digriet li ngħata minn din il-Qorti fis-6 ta' Awwissu, 2024, il-kumpanija attriċi ħadet ħsieb li tinnotifika lil dawn il-werrieta kollha. B'hekk l-appellati kollha laqgħu n-notifika tar-rikors tal-appell. Kemm hu hekk, b'nota tat-23 ta' Settembru, 2024 l-appellati Karen Gray, Joseph Paul Buhagiar, Helen Grech Cumbo Pillow u Mary Rose Pisani ssieħbu ma' Lucia Vella fit-tweġiba tal-appell tagħha u għamluha

tagħhom, u b'hekk ġabu fi tmiemha l-proċedura bil-mitkub quddiem din il-Qorti skont l-**Artikolu 146 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Meqjus dan, m'hemm xejn irregolari fil-mod ta' kif imxiet il-kumpanija appellanti u b'hekk il-preġudizzjali dwar in-nullità tar-rikors tal-appell, li tressqet minn Lucia Vella, qiegħda tiġi miċħuda. Dan apparti li n-nuqqas ta' notifika tal-appell lill-partijiet kollha fil-kawża fiż-żmien perentorju li ssemmi l-liġi ma jwassalx għan-nullità tar-rikors tal-appell kif jgħidu ħażin il-konvenuti appellati, iżda jekk xejn iwassal għad-deżerzjoni tal-appell skont l-**Artikolu 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

12. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi biex tqis l-appell imressaq mill-kumpanija attriċi. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħha, il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat fil-proċedura meta hija ddikjarat ir-rikors maħluf tagħha u n-notifika tiegħu lil Joseph Buhagiar bħala nulli minħabba li dan tal-aħħar ma kellux il-ħila mentali li joqgħod f'ġudizzju. Tisħaq li skont l-**Artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, is-sitwazzjonijiet li fihom att jista' jiġi ddikjarat null huma limitati ħafna u li kull att jista' jissewwa sakemm ma jiġix ppreġudikat il-konvenut. Ittenni wkoll li f'dan il-każ, kellu jitħaddem is-**subartikolu (2) tal-Artikolu 789**, hawn fuq imsemmi, minħabba li l-konvenut, permezz tal-kuratriċi tiegħu, ħalla li jsiru atti oħra mingħajr ma tressqet l-eċċezzjoni dwar in-nullità tar-rikors maħluf.

13. Hija tissokta tgħid li l-konvenut Joseph Buhagiar mexa ħażin minn lenti proċedurali għaliex fil-mument li huwa laqa' n-notifika tar-rikors maħluf, huwa ma kienx għadu ġie interdett. Għalhekk, fil-fehma tagħha, jekk kemm-il darba f'dak il-waqt Joseph Buhagiar ma kienx f'qagħda mentali tajba biex joqgħod f'kawża, kellha ssir talba minn min kien interessat sabiex jinħatar kuratur *at litem* għalih. Targumenta li jekk Joseph Buhagiar tassew ma kienx kapaċi li joqgħod fil-ġudizzju, huwa lanqas seta' jkun f'qagħda tajba li jressaq ir-risposta maħlufa tiegħu. Hija tagħlaq billi ttenni illi ġaladarba interveniet fil-kawża oħt Joseph Buhagiar u ressqet eċċezzjonijiet ulterjuri, il-kwistjoni tan-notifika kellha titqies magħluqa u l-Qorti messha għaddiet biex stħarrġet it-talbiet u l-eċċezzjonijiet fil-mertu tagħhom.

14. Imbagħad, fit-**<u>tieni aggravju</u>** tagħha, il-kumpanija attriċi tilmenta li għalkemm l-Ewwel Qorti ma daħlitx fil-mertu tal-kawża fis-sentenza tagħha, hija xorta waħda ppronunzjat ruħha dwar ix-xhieda mogħtija mill-Psikjatra Mark Xuereb, fejn dan stqarr li Joseph Buhagiar ma kienx kapaċi jieħu ħsieb ta' ħwejġu sa mill-1991. Hija ssostni li x-xhieda tal-Psikjatra Mark Xuereb ma kienet kredibbli xejn għaliex dan ma kienx jaf lil Joseph Buhagiar qabel is-sena 2020. Tisħaq illi jekk il-konvenut tassew ilu daqshekk żmien f'qagħda li mhux kapaċi jamministra ħwejġu, huwa ma kienx jiġi interdett matul is-smigħ ta' din il-kawża iżda kien jiġi interdett

ferm qabel saret din il-kawża. Minbarra dan, hija tgħid li oħt Joseph Buhagiar ma kinitx kapaċi ttella' xi tabib ieħor bħala xhud sabiex jixhed dwar l-allegata qagħda mentali daqstant imwiegħra ta' Joseph Buhagiar. Hija tagħlaq billi tisħaq li hija ressqet provi tajba biżżejjed biex turi li Joseph Buhagiar kien debitur tagħha.

15. Din il-Qorti tibda billi tosserva li l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel u l-ħames eċċezzjonijiet imressqa fit-tweġiba maħlufa ta' Joseph Buhagiar minħabba li fil-fehma tagħha dan ma kienx f'qagħda mentali tajba biex joqgħod fil-kawża. Issa fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut Joseph Buhagiar saħaq li n-notifika tar-rikors maħluf hija nulla minħabba li huwa mhux mentalment kapaċi li joqgħod f'kawża mentri fil-ħames eċċezzjoni tiegħu l-istess Joseph Buhagiar laqa' għat-talbiet tal-kumpanija attriċi b'mod ġenerali billi sostna li huwa persuna mhux mentalment f'sikktu u ilu f'din il-qagħda għal numru ta' snin.

16. F'din l-aħħar eċċezzjoni tiegħu Joseph Buhagiar ma fissirx fejn huwa ried jasal b'din l-eċċezzjoni jew x'għandhom ikunu l-konsegwenzi jekk kemm-il darba din l-eċċezzjoni tintlaqa'. Madankollu, din il-Qorti qiegħda tifhem li din l-eċċezzjoni hija maqsuma f'biċċtejn. Kemm hu hekk, jidher li l-għanijiet wara din l-eċċezzjoni kienu tnejn, jiġifieri: (i) fl-ewwel lok, li l-Qorti tiddikjara li huwa ma kienx jinsab f'qagħda mentali tajba biżżejjed biex joqgħod fil-kawża u li b'konsegwenza t'hekk tiddikjara li l-

kumpanija attriċi ma setgħetx tħarrku personalment; u (ii) fit-tieni lok, li l-Qorti tiddikjara x-xiri-u-bejgħ tal-vetturi msemmija fir-rikors maħluf tal-kumpanija attriċi bħala wieħed li ma jiswiex minħabba li huwa ma kienx mentalment kapaċi biex jidħol għal dak ix-xiri. Fil-każ tagħna, fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti ma daħlitx fit-tieni parti ta' din l-eċċezzjoni u waqfet biss sa dik il-parti tagħha fejn Joseph Buhagiar saħaq li huwa ma kienx f'qagħda mentali tajba biex joqgħod fil-kawża.

17. Fil-fatt, minn qari tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, jidher li din poġġiet l-ewwel eċċezzjoni u l-ewwel parti tal-ħames eċċezzjoni taħt keffa waħda u stħarrġithom flimkien minħabba li dawn għandhom l-istess għerq *viz.* in-nuqqas ta' ħila mentali ta' Joseph Buhagiar. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din x'aktarx ma kinitx l-aktar triq għaqlija għaliex wieħed jeħtieġlu jagħraf bejn is-siwi ta' att ġudizzjarju li jkun u s-siwi tan-notifika tiegħu. Tassew, in-nuqqas ta' siwi tan-notifika ma jġibx in-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju li ma jkunx ġie notifikat sewwa (ara ***Joseph Vassallo et v. Joseph Delia et*** maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 2006). Għalhekk, kien jagħmel aktar sens li kieku s-siwi tal-notifika tar-rikors maħluf u s-siwi tar-rikors maħluf innifsu minħabba l-inkapaċità ta' Joseph Buhagiar li joqgħod f'kawża, ġew mistħarrġa separatament.

18. Din il-Qorti sejra għalhekk tibda billi teżamina s-siwi tan-notifika tar-rikors maħluf. Il-Qorti tagħraf li għalkemm Joseph Buhagiar ilmenta li n-

notifika tar-rikors maħluf li saret lilu personalment fl-1 ta' Ottubru, 2020 ma kinitx siewja, kien huwa stess li fl-14 ta' Ottubru, 2020 daħħal it-tweġiba tiegħu, fejn laqa' għat-talbiet tal-kumpanija attriċi, u ħalef il-kontenut tagħha. Din, fil-fehma tal-Qorti, hija anomalija fiha nnifisha. Tabilħaqq, wieħed ma jifhimx kif min-naħa l-waħda, f'ġimagħtejn żmien, Joseph Buhagiar seħħlu jkellem avukat, isawwar difiża għat-talbiet miġjuba kontrih, jaħlef id-difiża tiegħu u jippreżentaha fir-Reġistru tal-Qorti, iżda fl-istess nifs, min-naħa l-oħra, huwa jinsisti li n-notifika lilu ta' dak l-att ġudizzjarju ma kinitx waħda valida minħabba l-inkapaċità mentali tiegħu. Dan il-fattur meħud waħdu, diġà jitfa' dell tqil fuq is-siwi tal-ewwel eċċezzjoni ta' Joseph Buhagiar għaliex huwa wirja tal-istat mentali normali tiegħu (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Mary Grace Farrugia v. Stephen Farrugia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-12 ta' Novembru, 2003, fejn ġie meqjus li l-fatt li l-attriċi ressqet kawża f'isimha huwa biżżejjed biex juri li hija kienet fi stat mentali normali).

19. Lil hemm minn dan, huwa miżmum f'numru ta' sentenzi tal-Qrati tagħna, li jekk mill-atti tal-kawża jkun jirriżulta li l-persuna notifikata tkun attwalment irċeviet l-att ġudizzjarju u mxiet biex tikkontestah permezz ta' tweġiba skont il-liġi, l-att tan-notifika nnifsu isir għalkollox irrilevanti għall-għanijiet tal-proċess. Dan sewwasew għaliex it-tressiq ta' tweġiba bħal dik għandha titqies bħala dikjarazzjoni tal-parti li hija tkun qiegħda tagħti ruħha notifikata b'dak l-att (ara ***Antoinette Vella v. Kummissarju tal-***

***Artijiet*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju, 2001, ***Doris Mizzi et v. Jane Bonnici*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju, 2013 u ***Wilfrid Debattista et v. Kummissarju tal-Artijiet*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2018).

20. Jiġi b'hekk, li l-fatt waħdu li Joseph Buhagiar ressaq it-tweġiba maħlufa tiegħu fiż-żmien li trid il-liġi, ixejjen għalkollox id-difiża tiegħu li n-notifika lilu tar-rikors maħluf ma tiswiex. Ġaladarba huwa rnexxielu jressaq tweġiba għar-rikors maħluf, din id-difiża tiegħu ma jibqgħalha ebda sens, kien jew ma kienx f'qagħda mentali tajba meta laqa' n-notifika tar-rikors maħluf. L-ewwel aggravju, sa fejn jolqot l-ewwel eċċezzjoni, qiegħed għalhekk jintlaqa', u din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

21. Ngħaddu issa biex naraw jekk l-Ewwel Qorti kinitx siewja meta laqgħet il-ħames eċċezzjoni ta' Joseph Buhagiar, sa fejn din qieset ir-rikors maħluf innifsu bħala null minħabba li dan ma kienx f'qagħda mentali tajba biex joqgħod f'kawża u b'hekk ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju.

22. Din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq l-**Artikolu 787(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jgħid li kull att ġudizzjarju li jsir minn persuna jew kontra persuna inkapaċi li toqgħod f'kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għaldaqshekk, huwa null. L-eċċezzjoni tal-illeġittimità ta' persuna hija ta' natura perentorja u għalhekk tista' tingħata

f'kull waqt tal-kawża (ara ***L-Arkitett u Inġinier Ċivili Godwin A Borg et v. Anatole Baldacchino et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023).

23. Din il-Qorti tqis li n-nullità tal-atti hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (ara ***Guido J. Vella A & CE v. Dr. Emanuel Cefai*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 1991). Att ġudizzjarju għandu jitqies null għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-dispożizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, b'ekonomija u b'ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarità li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irrimedjabilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali (ara ***Alex Camilleri et nomine v. Silvio Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju, 2005, ***Diane Vella et v. Medserv Operations Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 2008 u ***Peter Paul Ellul Sullivan et v. Gap Developments plc*** maqtugħa mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Marzu, 2019).

24. F'dan il-każ - anke jekk wieħed kellu jqis, f'ġieħ l-argument biss, li r-rikors maħluf tassew kien null skont l-**Artikolu 787(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazjoni u Proċedura Ċivili** meta tressaq minħabba li Joseph Buhagiar ma kellux il-kapaċità mentali li joqgħod f'kawża - din il-Qorti ma taqbel xejn mar-raġunament milħuq mill-Ewwel Qorti fejn din ikkunsidrat li Lucia Vella, fil-kappell tagħha ta' kuratriċi ta' Joseph Buhagiar u fit-termini tal-**Artikolu 788 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,** ratifikat l-eċċezzjonijiet oriġinali tiegħu meta ressqet l-eċċezzjonijiet ulterjuri tagħha. Dan l-artikolu tal-liġi jgħid li d-difett ta' nullità minħabba l-illeġittimità tal-persuna li ma tistax toqgħod f'kawża tista' tiġi rimedjata jekk il-kuratur illi jidher minrajh japprova l-atti.

25. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti ma kinitx siewja meta qieset li biex id-difett tan-nullità jissewwa, Lucia Vella, bħala kuratriċi ta' Joseph Buhagiar, kellha tapprova wkoll is-siwi tar-rikors maħluf. Tassew, wieħed ma jista' qatt raġonevolment jistenna lil xi ħadd bħal Lucia Vella li tapprova r-rikors maħluf, meta hija mhux talli qiegħda tikkontesta qatigħ it-talbiet magħmula fih, talli wkoll, bħala intervenuta, tħalliet tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri b'żieda ma' dawk li kienu tressqu minn Joseph Buhagiar. Bil-frażi «*japprova l-atti*» jew fil-verżjoni Ingliża «*affirm the acts*» il-liġi fl-**Artikolu 788 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** trid tfisser li l-kuratur ikun qiegħed jaċċetta li l-atti ġudizzjarji li jkunu ġew ippreżentati minn jew kontra persuna illeġittima jkunu jistgħu jibqgħu

fis-seħħ, bla ħtieġa li dawn ikollhom għalfejn jinħarġu jew isiru mill-ġdid. Sewwasew f'dan il-każ, Lucia Vella li kienet ġiet maħtura bħala kuratriċi tal-konvenut aċċettat li tkompli l-kawża, tant li kif ingħad aktar kmieni mhux biss talbet li titħalla tintervjeni fil-kawża iżda saħanistra talbet li tingħata l-fakultà li tresssaq l-eċċezzjonijiet. Għalhekk bis-sehem u bl-intervent tagħha fil-kawża, il-kuratriċi Lucia Vella ġiet li minrajha approvat l-atti tal-kawża skont l-**Artikolu 788 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

26. Illi lil hemm minn dan kollu, u bla ma tidħol fil-kwistjoni dwar jekk Joseph Buhagiar tassew kienx f'qagħda mentali mwiegħra b'tali mod li huwa ma kienx kapaċi joqgħod fil-kawża meta tressaq ir-rikors maħluf, din il-Qorti tagħraf li Joseph Buhgiar m'għadux parti f'din il-kawża għaliex dan miet fl-1 ta' Ġunju, 2022 u daħlu minfloku bħala konvenuti l-werrieta tiegħu Lucia Vella, Karen Gray, Joseph Paul Buhagiar, Helen Grech Cumbo Pillow, Mary Rose Pisani u Carmen Gatt. Jidher li dan il-fatt l-Ewwel Qorti warrbitu għalkollox minn quddiem għajnejha, tant li fl-okkju tas-sentenza tagħha hija lanqas biss irrikonoxxiet li l-atti kienu ġew trasfużi f'isem il-werrieta kollha ta' Joseph Buhagiar, hawn fuq isemmija.

27. Din il-Qorti fliet l-atti tal-kawża u jidhrilha li l-konvenuti l-ġodda fehmu biżżejjed x'qiegħed jintalab fir-rikors maħluf u bl-ebda mod ma ġew ippreġudikati fid-difiża tagħhom. Minbarra dan, jidher ukoll li huma

aċċettaw id-difiża mressqa minn Joseph Buhagiar u qablu għalkollox mat-tweġiba maħlufa tiegħu għaliex huma fl-ebda waqt tal-kawża, wara li assumew l-atti, ma talbu biex jibdluha, jew saħansitra biex iżidu xi eċċezzjonijiet ġodda magħha.

28. Għalhekk, meta wieħed iqis dan kollu, anke jekk għall-grazzja tal-argument biss, ir-rikors maħluf tal-kumpanija attriċi mressaq kontra l-konvenut Joseph Buhagiar tassew kien null minħabba l-inkapaċità mentali ta' Joseph Buhagiar, meta dan tressaq, bit-tħaddim tal-prinċipju tal-*ius superveniens*, dan ġie sanat u regolarizzat meta flok Joseph Buhagiar, daħlu fil-kawża l-werrieta tiegħu, li aċċettaw l-atti u saħqu fuq id-difiża oriġinarjament imressqa minnu (ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet ***Mary Lanfranco noe v. Fal-Con Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2011). Jiġi b'hekk, li f'dan l-istadju żgur ma jistax jitqies li r-rikors maħluf tal-kumpanija attriċi huwa null.

29. Għalhekk, fid-dawl ta' dan, l-ewwel aggravju tal-kumpanija appellanti qiegħed jintlaqa' wkoll sa fejn jolqot il-ħames eċċezzjoni ta' Joseph Buhagiar. B'hekk, din l-eċċezzjoni ta' Joseph Buhagiar, sa fejn dan ried ifisser li huwa ma kienx jinsab f'qagħda mentali tajba biżżejjed biex joqgħod f'din kawża, qiegħda tiġi miċħuda. Il-parti l-oħra ta' din il-ħames eċċezzjoni, jiġifieri dik il-parti tal-eċċezzjoni fejn Joseph Buhagiar ried ifisser li x-xiri-u-bejgħ tal-vetturi msemmija fir-rikors maħluf tal-

kumpanija attriċi ma jiswiex minħabba li huwa ma kienx mentalment kapaċi biex jidħol għal dan ix-xiri, qiegħda titħalla impreġudikata u għandha tiġi mistħarrġa mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili flimkien mal-mertu tal-kawża.

30. Minħabba li bl-ilqugħ tal-ewwel aggravju tal-kumpanija attriċi s-sentenza tal-Ewwel Qorti qiegħda titħassar kollha kemm hi, ma hemm ebda ħtieġa li jiġi mistħarreġ ukoll it-tieni aggravju tagħha u għalhekk din il-Qorti qiegħda tastjeni milli tqisu.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-appell ta' Western Co. Ltd u b'hekk **<u>tħassar</u>** is-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Mejju, 2023 u **<u>tiċħad</u>** kemm l-ewwel eċċezzjoni ta' Joseph Buhagiar u kif ukoll il-ħames eċċezzjoni tiegħu sa fejn dan ried ifisser li r-rikors maħluf huwa null minħabba li ma kienx jinsab f'qagħda mentali tajba biżżejjed biex jiġi mħarrek f'din il-kawża. Il-parti l-oħra tal-ħames eċċezzjoni ta' Joseph Buhagiar, jiġifieri dik il-parti ta' din l-eċċezzjoni fejn huwa ried ifisser li x-xiri-u-bejgħ tal-vetturi msemmija fir-rikors maħluf tal-kumpanija attriċi ma jiswiex minħabba li huwa ma kienx mentalment kapaċi biex jidħol għal dan ix-xiri, qiegħda titħalla

impreġudikata u għandha tiġi mistħarrġa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili flimkien mal-mertu tal-kawża.

L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu riżervati għal meta din tagħti s-sentenza finali tagħha. Min-naħa l-oħra l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' dan l-appell għandhom jitħallsu kollha mill-konvenuti Lucia Vella, Karen Gray, Joseph Paul Buhagiar, Helen Grech Cumbo Pillow, Mary Rose Pisani u Carmen Gatt solidalment bejniethom.

Fl-aħħar nett, il-Qorti **tordna** lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat l-atti tal-kawża lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bil-għan li jissokta s-smigħ ta' din il-kawża quddiemha.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
jb